**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 32**

**Avviz Nru: 81/01 AE**

**John's Garage Limited**

**Vs**

**Ripard Larvan & Ripard Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba pprezentat mis-socjeta attrici u li permezz taghha talbet li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm172.16) hlas gahll-kiri ta' karrozzi.

Rat ir-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16.

Rar is-sentenza ta' dan it-Tribunal tal-21 ta' Mejju 2001 u li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat ir-risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2147(d) tal-Kap. 16.

Ra s-sentenza ta' dan it-Tribunal tal-5 ta' Settembru 2001 li kien titratta dwar il-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgha l-difensuri tal-kontendenti jittrattaw il-kaz.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2001 u li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

1. Ir-rapprezentant tas-socjeta attrici (Gaetano Farrugia) jikkonferma li s-socjeta konvenuta ghandha thallas is-somma ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50) ghall-kiri ta' vetturi [ara fol. 55 tal-process].

2. L-avukat difensur tas-socjeta konvenuta argumenta li s-socjeta attrici ma ressqet ebda dokument bil-firma tar-rapprezentant tas-socjeta konvenuta li jaghti prova li nkrew xi vetturi.

3. It-Tribunal josserva li l-kiri ta' vetturi ma jehtiegx skrittura ffirmata *ad validitatem*. Dwar il-meritu s-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda provi u lanqas ma tat eccezzjoni. Mill-atti jirrizulta li l-uniku eccezzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta kienet li l-azzjoni attrici hija preskritta (fol. 9 u 31 tal-process).

Ghaldaqstant u fic-cirkostanzi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50) hlas dovut ghall-kiri ta' vetturi.

Bl-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) ta' din l-istanza kontra s-socjeta konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.